**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 16/2022 RM**

**Marika Bonello (K.I. 304885M)**

**-Vs-**

**Josef Caruana (K.I. 371980M)**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Marika Bonello fir-Reġistru fid-19 ta' Jannar 2022 fejn talbet illi previa dikjarazzjoni li l-kontenut tal-pubblikazzjonijiet maħgmula mill-konveut Josef Caruana fuq is-sit bl-isem Facebook fit-12 ta' Ġunju 2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa, tikkostiwixxi malafama stante li l-kliem fuq l-istess sit jagħmlu hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna ta' l-attrici, itellfulha gieħha u tinkludi l-libell u l-ingurja a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 579 tal-ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess konvenut jiġi kkundannat biex iħallasha dik is-somma li jogħġobha tistabilixxi dina l-Qorti bħala danni morali, u dan a tenuru tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li qiegħed jiġi minn issa ngunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Josef Caruana fejn eċċepixxa :-

« *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu billi jonqos element essenzjali biex tirnexxi azzjoni ta' libell ċioe' 'l-identifikazzjoni' tar-rikorrent*"

Rat id-digriet mogħti fit-2 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Kap. 579 liema process kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2022 fejn iddeċidiet li m'hemmx lok li l-partijiet jaslu fi ftehim minħabba baqa' ma nżamm ebda laqgħa ta' medjazzjoni u ordnat għalhekk il-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi;

Rat ix-xhieda tal-attriċi Marika Bonello mogħtija bil-mezz tal-proċedura tal-affidavit;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti ;

Semgħet lill-abbli avukat tal-konvenut fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 jiddikjara li l-konvenut m'għandux provi xi jressaq u lanqas kontro-eżamijiet x'jagħmel lill-attriċi u lix-xhieda mressqin minnha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentat fl-24 ta' Lulju 2023 in ottemperanza mad-digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-konvenut fit-28 ta' Awwissu 2023 kif awtorizzat;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attriċi qiegħda timpunja *post* tal-konvenut fuq il-paġna fuq Facebook ta' ċertu Raymond Cini, liema *post* skont l-attriċi ġie pubblikat fit-12 ta' Ġunju 2021. Dan jgħid hekk:-

"*Ray Cini dak li jiġrilek meta tboss b'sorm ħaddieħor. U biex taqta' id-dejn kellha toqod tiftaħ saqajha ma' dak u ma' ieħor*".

Il-konvenut isostni li l-attriċi m'hijiex identifikata f'din il-pubblikazzjoni u għalhekk l-azzjoni għal malafama ma tistax tirnexxi.

Skont l-attriċi il-*post* impunjat ġie pubblikat in segwitu għall-*post* ta' Raymond Cini nnifsu li kien jgħid:-

"*BABYSITTERS SERHU RASKOM GEJ IX-XOLL GHAX BASTA NOHBLU UMBAD BIEX NIGEREW TAJBIN Jien naf 2 min nies hekk,,, BONGU*"

Jirriżulta illi dan l-aħħar *post* ta' Raymond Cini ġie pubblikat ġurnata qabel, fil-11 ta' Ġunju 2021[1] filwaqt illi fit-12 ta' Ġunju 2021 l-istess Raymond Cini ppubblika wkoll, apparti l-post impunjat f'din il-kawża, is-segwenti post:-

"*INSEJT META KELLEK BANK HAZ ZEBBUG U IHOR IL FURJNA FDAQA KEMM KONT TIMPRESSJONAH ID DOQLU IL KLARINETT*", għal liema post ċertu Ryan Dimech wieġeb: "*Em hafan banek ta ma dawn Ta turkia u italia ta Taxi's*".

Tliet ijiem qabel il-pubblikazzjoni tal-post allegatament malafamanti, ċioe' fid-9 ta' Ġunju 2021, Ray Cini ippubblika wkoll is-segwenti post:-

[1] Dok. C esebit mal-Affidavit tal-attriċi.

"*... RUMANS .. GHAZIZA TIJAJ MARIKA BONELLO TAL* <u>Vastara Kids</u> *SA FEJN NAF JIEN DEJEM RISPET GIBTLEK GHALKEM JIEN NAF HAFNA AFFARIJIET FUQEKK ,,, li ma nafx ghalfejn mort tigagbina fuqi u issa trid tipprova tintimidani ima kul najd kollox ghandi abjad fuq liswed verita bisss".*[2]

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-pubblikazzjoni li tinsab fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama hija biss dik li tidher fid-dokument anness mar-Rikors promotur f'paġna 2 tal-atti tal-kawża, u mhux pubblikazzjonijiet oħrajn li l-attriċi xehdet dwarhom u li ġew esebiti minnha fi stadju ulterjuri tal-proċess fejn ma saret ebda talba biex il-Qorti tiddikjarahom malafamanti. Għaldaqstant, l-istħarriġ tagħha dwar allegat malafama sejra tiġi limitata għall-pubblikazzjoni li ġiet speċifikatament identifikata mill-attriċi fit-talba tagħha fir-Rikors promotur tal-azzjoni bħala malafamanti, u għal ebda pubblikazzjoni oħra.

Kif sewwa rrileva l-konvenut fir-Risposta tiegħu, huwa rekwiżit bażilari tas-suċċess tal-azzjoni għal malafama li l-persuna aggravata tkun identifikata fil-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata nnifisha.

Għandu jingħad illi preordinatament għad-determinazzjoni jekk l-istqarrijiet impunjati humiex diffamatorji, irid jiġi aċċertat li l-istqarrijiet huma fil-fatt dwar u jikkonċernaw lill-persuna aggravata.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*Where a person is referred to by name in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the recipients of the statement have no knowledge of the person.*"[3]

---

[2] Dok. G esebit mal-Affidavit tal-attriċi.
[3] Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.03, p. 106.

Meta l-persuna aggravata m'hijiex identifikata b'isimha fil-pubblikazzjoni impunjata, jeħtieġ għall-proponibbilita' tal-azzjoni għal malafama li tiġi stabbilita inferenza li torbot lill-persuna aggravata mal-istqarrija impunjata, għaliex jekk il-persuna aggravata mhijiex suffiċjentement identifikata fl-istqarrijiet impunjati, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett tal-pubblikazzjoni.

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[4]

Il-persuna aggravata tista' tiġi identifikata anke fejn ma tissemmix b'isimha fil-pubblikazzjoni u fin-nuqqas ukoll ta' xi immaġini jew deskrizzjoni oħra formanti parti mill-pubblikazzjoni. Fid-deċiżjoni fil-każ ta' **MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.**[5], intqal hekk minn Fenlon J:-

"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti. Jirriżulta illi l-uniku *post* li fih l-attriċi Marika Bonello hija identifikata b'isimha u bl-isem tan-negozju tagħha, huwa dak ippubblikat fid-9 ta' Ġunju 2021 minn Ray Cini (Dok. G[6]), u *post* ieħor tal-istess Ray Cini mingħajr ebda data (Dok. F[7]). L-ebda waħda mill-pubblikazzjonijiet l-oħra msemmija mill-attriċi

---

[4] Collins *ibid.,* 5.01, p. 105. Ġie ritenut ukoll:- "*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to*."

[55] 2008 BCSC 1432 (para. 20).

[6] Esebit mal-Affidavit tal-attriċi.

[7] Esebit mal-Affidavit tal-attriċi, paġna 28 tal-atti tal-kawża.

fix-xhieda tagħha u li jidhru fid-dokumenti esebiti minnha, ma jidentifikaw lill-attriċi direttament b'isimha, inkluż il-pubblikazzjoni ta' Josef Caruana, il-konvenut, li qed tiġi impunjata f'din il-kawża.

Illi l-attriċi xehdet illi huwa ovvju li l-posts kollha ta' Ray Cini li huwa ppubblika fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook bejn id-9 ta' Ġunju 2021 u t-30 ta' Awwissu 2021 jikkonċernaw lilha tant illi "*kienu diversi nies u ħbieb li ġibduli l-attenzjoni għal dawn il-posts*". Xehdet ukoll illi hija kellha relazzjoni twila mal-konvenut Josef Caruana madwar ħmistax-il sena qabel u li "*minkejja li fil-post tiegħi* (*recte.* tiegħu) *Josef Caruana ma semmix ismi, jirriżulta li jien kjarament identifikata tant li kulħadd kien jaf li dan li kien qiegħed jgħid kien għalija u dan peress li l-posts kienu għalija u saħansitra kont anke issemmejt b'ismi u bl-isem tal-ħanut.*"

Huwa prinċipju assodat fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fejn il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata la b'isimha u lanqas permezz ta' ritratt, filmat jew immaġini oħra[8], bħal m'hu l-każ tal-istqarrija impunjata f'din il-kawża, fejn allura l-identifikazzjoni tistrieħ fuq l-għarfien ta' fatti speċjali[9], jeħtieġ li titressaq prova mhux biss ta' dawn il-fatti estraneji għall-pubblikazzjoni impunjata, iżda wkoll li talanqas persuna waħda oħra, apparti l-persuna aggravata nnifisha, kienet esposta għall-pubblikazzjoni impunjata u kienet kapaċi tidentifikaha minħabba l-għarfien ta' dawn il-fatti estraneji. Fuq kollox, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-inferenza tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata, hi waħda raġjonevoli, ċioe' li persuni ordinarji armati b'għarfien dwar il-fatti speċjali, setgħu jinferixxu

[8] Collins jgħid li anke fejn il-persuna aggravata hi identifikata permezz ta' xi ritratt jew filmat fil-pubblikazzjoni impunjata, xorta waħda jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien hemm persuni li attwalment identfikawha mir-ritratt jew filmat, direttament jew permezz ta' inferenza.
Fil-każ **Dwek v. Macmillan Publishers Ltd** (2000) EMLR 284 (CA) ġie ritenut:- "*In other circumstances it might be that, absent particular evidence, it would not be possible to infer that any single person had understood the publication as referring to the claimant*".
[9] Dan jissejjaħ komunement in materja, *legal innuendo meaning*. Roy Baker, *Defamation Law and Social Attitudes – Ordinary Unreasonable People*, 2011 (p. 33/34), jgħid hekk:- "*According to the legal innuendo rule, if a plaintiff claims that a publication would bear a defamatory meaning only to people who have some kind of special knowledge (what is termed a legal innuendo meaning), then the plaintiff must prove that at least one such person was directly exposed to the publication (and otherwise than by the plaintiff).*"

raġjonevolment u mingħajr sforz żejjed li l-istqarrija impunjata tista' tikkonċerna lill-persuna aggravata[10].

Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk:-

"*Where the libel does not 'ex facie' refer to the claimant ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant.*"[11]

Min-naħa tiegħu, Collins jgħid hekk:

"*... there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so undestand it.*" [12]

Dan premess, il-Qorti kienet tistenna li titressaq prova bix-xhieda ta' mill-inqas persuna waħda li tissostanzja l-konklużjoni li waslet għaliha l-attriċi nnifisha li l-*post* tal-konvenut Josef Caruana, jidentifika u jikkonċerna lilha. Hu ovvju li l-fatti msemmija fil-pubblikazzjoni impunjata m'humiex fatti magħrufa b'mod ġenerali lill-pubbliku u l-qarrej ordinarju jrid ikoll għarfien estrinsiku ta' fatti speċjali - bħall-fatt li l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut Josef Caruana fil-passat - biex jinferixxi xi xejra ta' rabta bejn l-istqarrija tal-konvenut u l-attriċi.

---

[10] Gatley, 'On Libel and Slander', jgħid illi "*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning.*" - On Libel and Slander - Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll **Barron v. Collins** (2015) EWHC 1125 (QB).

[11] Gatley, *ibid.*, Second Supplement to the 12th Edition, 2017, para. 7.3A, p. 66.

[12] Collins, *ibid.*, para. 5.09, p. 108. jgħid: "*Evidence of the extrinsic facts which constitute the special knowledge should also be adduced. The test, however, is an objective one: whether the ordinary reasonable person with knowledge of the extrinsic facts, and in the class of persons to whom the statement is published, would have reasonably understood the publication to refer to the unnamed person.*"

Fid-deċiżjoni reċenti fil-każ **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB), intqal b'mod speċifiku illi f'każ ta' *legal innuendo*, l-osservanza tal-prinċipju li l-persuna aggravata trid tispeċifika l-persuna li taf il-fatti speċjali "*that would lead them to identify the claimant as the subject was of particular importance*".

Iżda minkejja dak li xehdet l-attriċi - li kien hemm persuni li ġibdulha l-attenzjoni għal dak li kien qed jiġi pubblikat - hi naqset milli tidentifika min huma l-persuni li identifikawha u milli tressaq xi ħadd minn dawn il-persuni biex jixhdu, u effettivament ma ġabet ebda prova kwalsiasi biex tikkonvinċi lill-Qorti li hija raġjonevoli l-asserzjoni tagħha li identifikata bħala l-persuna li hi fil-mira tal-*post* ippubblikat mill-konvenut Josef Caruana jew li dan il-post jikkonċerna lilha.

Ikkunsidrat;

L-attriċi naqset ukoll milli tipprova fil-grad meħtieġ illi hija identifikata minħabba xi rabta bejn l-istqarrija tal-konvenut u l-*posts* ta' Ray Cini fejn hi ssemmiet b'isimha.

L-attriċi ssostni li Ray Cini kien ippubblika fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook, numru ta' *posts* fejn hi ssemmiet espressament b'isimha. Tassew, Ray Cini semma lill-attriċi Marika Bonello b'isimha u bl-isem tan-negozju tagħha fil-post li huwa ppubblika fid-9 ta' Ġunju 2021 (Dok. G) kif ukoll f'post ieħor li madankollu ma jirriżultax mill-provi f'liema data ġie pubblikat (Dok. F[13]).

Fir-rigward tal-post Dok. F, il-Qorti tosserva illi ma hemm xejn x'juri li dan il-*post* jifforma parti mill-istess sensiela ta' *posts* li tifforma parti minnhom l-istqarrija impunjata jew ġie ppubblikat fl-istess data: id-dokument esebit ma fih ebda data kwalsiasi. Imbagħad, fir-rigward tal-*post* ta' Ray Cini tad-9 ta' Ġunju 2021 (Dok. G), il-Qorti hi tal-fehma illi l-attriċi kellha tressaq prova illi din il-pubblikazzjoni hija

[13] Esebit mal-Affidavit tal-attriċi, paġna 28 tal-atti tal-kawża.

suffiċjentement konnessa f'materja u żmien, mal-pubblikazzjoni tal-konvenut Josef Caruana biex il-qarrej jista' raġjonevolment jinferixxi li l-istqarriija tal-konvenut – li ma ssemmi lil ħadd b'ismu - hija konnessa mal-istqarrija ta' Ray Cini fejn ġiet issemmiet b'isimha l-attriċi.

Iżda kif sewwa ġie sottomess mill-konvenut fin-nota tiegħu, **l-attriċi naqset milli tesebixxi s-sensiela sħiħa ta' *posts* suċċessivi fuq il-paġna ta' Ray Cini fuq Facebook, minn dak il-*post* li fih issemmiet b'isimha sal-*post* tal-konvenut Josef Caruana**. Għall-Qorti, din il-prova kienet indispensabbli biex jiġi stabbilit konklussivament illi fit-tliet ijiem bejn id-9 ta' Ġunju 2021 u t-12 ta' Ġunju 2021 il-*posts* kollha li ġew ippubblikati fuq din il-paġna in segwitu għal dak fejn l-attriċi issemmiet b'isimha, kienu intrinsikalment marbutin ma' xulxin, u biex jiġi eskluż ukoll illi fil-frattemp ġiet introdotta materja ta' diskussjoni li tikkonċerna persuna jew soġġett differenti. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma tistax tkun serenament konvinta illi l-qarrej ordinarju jista' raġjonevolment jorbot l-istqarrija tal-konvenut ma' dik li ġiet ippubblikata minn Ray Cini fid-9 ta' Ġunju 2021 b'mod li l-istqarrija impunjata f'din il-kawża tista' titqies oġġettivament bħala waħda li hija kapaċi li tidentifika lill-attriċi. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-*post* tal-konvenut ma fih ebda referenza kwalsiasi għall-*post* ta' Ray Cini ta' tliet ijiem qabel[14] – fatt li jkompli jsaħħaħ il-konvinċiment tagħha illi hija mankanti l-prova essenzjali ta' xi rabta bejn iż-żewġ pubblikazzjonijiet li abbażi tagħha persuni ordinarji setgħu raġjonevolment jinferixxu li l-istqarrija tal-konvenut tidentifika lill-attriċi u tikkonċerna lilha[15].

Għaldaqstant, l-istqarrija ppubblikata mill-konvenut, stabbilit li ma jidentifikax lill-attriċi, ma tistax titqies bħala diffamatorja fil-konfront tagħha.

---

[14] Tad-9 ta' Ġunju 2021, fejn tissemma l-attriċi.

[15] Ara **Baltinos v Foreign Language Publications** (1986) 6 N.S.W.L.R 85, fejn ġie rikonoxxut illi persuna mhux imsemmija b'isimha tista', bħala prinċipju, tkun identifikata permezz ta' referenza, fil-pubblikazzjoni impunjata, għal informazzjoni pubblikata preċedentement.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attriċi MARIKA BONELLO, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**